- ***DIRETTUR TA' SOCJETA' –***
- ***OBBLIGU LI JAGIXXI FL-INTERESS TAL-ISTESS SOCJETA` –***
- ***OBBLIGU LI JAGIXXI IN BONA FEDE –***
- ***DUTY TO TAKE CARE –***
- ***SUBJECTIVE/OBJECTIVE STANDARD –***
- ***ART 147 TAL-ATT XXV TAL-1995 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 7 ta' Novembru 2001**

**Kawza Numru: 15**
**Citazzjoni Numru: 841/94/RCP**

**Charles Sant Fournier u Milica Micovic bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` "Five Effs Cold Stores Limited"**

**vs**

**L-Avukat Dottor Philip Attard Montalto**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi b'skrittura tad-19 ta' Frar 1992 - Dok A annessa - bejn Ronald Galea - *General Manager* tas-socjeta Five Effs Cold Stores Limited u John Bamber, impjegat tal-istess socjeta' - dan tal-ahhar ammetta r-responsabilita' personali ta' nuqqasijiet, proprjeta tas-socjeta fl-ammont ta' Lm24,724 (erba' u ghoxrin elf lira Maltija seba' mija u erba' u ghoxrin lira Maltija) u assuma l-obbligu tal-hlas;

Illi l-konvenut bhala Direttur u *Managing Director* tas-socjeta kien ghall-kurrent ta' dawn ic-cirkostanzi, naqas milli jippprotegi, kif kellu l-obbligu li jaghmel, l-interessi tas-socjeta, u tal-azzjonisti l-ohra;

Illi l-konvenut nagas li jghati rendikont, car dettaljat u ezawrjenti dwar din il-kwistjoni inkluz jekk saru l-pagamenti akkont - nonostante li gie hekk mitlub b'ittra ufficcjali tas-27 ta' Ottubru 1993 - Dok B annessa;

Illi l-konvenut naqas li jiddikjara b'liema risoluzzjoni tas-socjeta l-istess Ronald Galea gie awtorrizat jidher fuq l-iskrittura msemmija u jaghmel il-koncessjonijiet li ghamel f'isem is-socjeta - nonostante li gie hekk interpellat b'ittra ufficcjali tal-10 ta' Marzu 1994 - Dok C annessa.

Illi s-socjeta attrici soffriet hsarat kbar minhabba dan l-agir irresponsabbli tal-konvenut;

Illi ghal dawn n-nuqqasijiet u hsarat ghandu jirrispondi l-konvenut personalment.

L-istess atturi talbu li ghalhekk il-konvenut in vista tal-premess jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarah personalment responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici;

2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tas-27 ta' Ottubru 1993 u tal-10 ta' Marzu 1994 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-attur kontra l-istess Ronald Galea u John Bamber.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament, illi l-atturi ma humiex awtorizzati jagixxu ghan-nom tas-socjeta`.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-eccipjenti ma hux responsabbli ghal ebda danni billi huwa dejjem agixxa korrettement u fl-ahjar interess tas-socjeta`.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-24 t'Ottubru 1994, tat-8 ta' Frar 1995, tat-13 ta' Ottubru 1995 fejn xehed minn jheddu l-attur Charles Sant Fournier u Dr Ramon Rossignaud ipprezenta Nota b'Dokumenti (fol 21 sa 24).

Rat in-nota tal-affidavit tat-22 ta' Jannar 1996 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavits ta' Milica Micovic, Anthony Edward Sant Fournier, u Charles Sant Fournier (Dok 29 sa 59 tal-process).

Rat il-verbali tas-26 ta' Jannar 1996, tas-17 ta' Mejju 1996 fejn Dr Rossignaud ipprezenta nota b'dokumenti (fol 62 sa 66), tad-29 ta' Novembru 1996 fejn xehedet in kontro-ezami l-attrici nomine, tad-9 ta' Mejju 1997, tal-14 ta' Jannar 1998 fejn xehed l-attur Charles Sant Fournier in kontro-ezami, tat-13 ta' Mejju 1998 fejn kompla jixhed l-attur nomine in kontro-ezami, tal-4 ta' Dicembru 1998, tal-5

ta' Mejju 1999, tal-1 ta' Novembru 1999, tas-27 ta' Marzu 2000, tad-19 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tal-5 ta' Ottubru 2000, tas-16 ta' Jannar 2001 fejn xehed Ronald Galea, tat-12 ta' Frar 2001 fejn xehdu il-konvenut Dr Philip Attard Montalto u Anthony Sant Fournier, tat-3 ta' April 2001, tas-6 ta' Gunju 2001 fejn xehed John Bamber u d-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi u talbu li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti laqghet it-tabla u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-7 ta' Novembru 2001 bil-fakolta ta' noti.

Rat in-nota ta' Osservazzjonijiet tal-atturi tas-17 ta' Lulju 2001 u dik tal-konvenut tas-27 ta' Settembru, 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. PROVI PRODOTTI.

Illi **l-attur Charles Sant Fournier** sostna li persuni li ghandhom ir-rappresentanza tas-socjeta' ghandhom id-dritt li jagixxu biex jikkonservaw id-drittijiet tas-socjeta'. Ma kienux informati dwar l-iskrittura privata datata 2 ta' Frar

1992, u saru jafu bl-iskrittura Dok. “A” meta sabuha gjo *filing cabinet* qabel l-ittra ufficcjali tas-27 ta’ Ottubru 1993.

Illi in kontro-ezami sostna li meta saret l-iskrittura u  l-ittra ufficcjali tas-27 ta’ Ottubru 1993, l-atturi kienu diretturi tal-istess socjeta’ attrici bhal ma kien il-konvenut; pero’ ma kienx cert jekk kienitx indikata fil-minuti tal-istess socjeta’ li l-istess konvenut kien ukoll *Managing Director.* Il-konvenut kien ukoll direttur tas-socjeta’ ‘B. Tagliaferro & Sons Limited.

Illi **l-attrici Milica Micovic** sostniet fl-affidavit taghha tat-22 ta’ Jannar 1996 li hija direttrici fis-socjeta’ attrici mill-1990, kif inhi wkoll direttrici tas-socjeta’ B. Tagliaferro & Sons Limited, l-ikbar azzjonista fis-socjeta’ attrici stante li ghandha l-azzjonijiet kollha tal-istess fl-ammont ta’ 999 azzjoni, mentri l-konvenut ghandu *share* wiehed.

Illi f’Settembru 1993 hija kellha access ghall-*files* fil-*boardroom* taz-zewg socjetajiet u saret taf bl-istess skrittura. Il-konvenut kien sa dak in-nhar l-unika direttur li kellu access ghall-istess dokumenti taz-zewg socjetajiet, sakemm tnehha minn direttur tas-socjeta’ B. Tagliaferro & Sons Limited fl-20 ta’ Awissu 1993, izda f’Ottubru 1993 huwa nehha l-istess dokumenti mill-*boardroom* illegalment u dwar dan saru diversi interpellazzjonijiet datati l-1 u 11 ta’ Novembru  1993, 28 ta’ Gunju 1994, u 11 ta’ Lulju 1994.

Illi l-istess attrici kompliet tghid li sa fejn taf hi ma kien hemm risoluzzjoni la minn socjeta' u lanqas minn ohra sabiex l-istess konvenut jigi mahtur *Managing Director* tal-istess, pero' huwa pprezenta ruhu bhala tali u hija *in bona fede* accettatu bhala tali. Fil-fatt fil-*letterheads* tal-kumpaniji huwa kien jindika lilu innifsu bhala tali u l-*Manager* tas-socjeta' attrici Ronald Galea kien jiehu struzzjonijiet minghandu biss.

Illi bejn l-21 ta' Gunju 1991 u id-9 ta' Gunju 1993 l-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' attrici ma iltaqa' qatt u ghalhekk skond hija la il-konvenut u lanqas Ronald Galea ma kienu awtorizzati sabiex jiffirmaw l-iskrittura tad-19 ta' Frar 1992, u l-konvenut qatt ma innotifikahom dwar l-istess skrittura la formalment u lanqas informalment u lanqas verbalment. Il-bilanci fiskali tas-snin 1992, 1993, u 1994 qatt ma kienu approvati mill-atturi.

Illi l-atturi hassew li invista ta' dan l-amministrazzjoni finanzjarja tas-socjeta' attrici ma kienx sar b'mod professjonali, ma kienx regolari u lanqas legali u l-konvenut u Ronald Galea qatt ma tawhom informazzjoni finanzjarja dwar l-istess socjeta' u dwar dan kienet ghamlet affidavit li huwa datat bhala l-10 ta' Novembru 1992, u ghalhekk dwar dan il-kaz u l-mod kif saret l-iskrittura huma interpellaw lill-konvenut kemm permezz ta' ittra ufficcjali datata 27 ta' Ottubru 1993 u ohra permezz ta' ittra ufficcjali datata 10 ta' Marzu 1994, u peress li l-konvenut ma ta ebda risposta saret din il-kawza.

Illi in kontro-ezami fid-29 ta' Novembru 1996 sostniet li ma sarux *board meetings* peress li ma kienitx taqbel mal-mod kif kienet immexxija l-istess socjeta' attrici; fis-sena 1994 l-konvenut gie mnehhi minn direttur u l-*accounts* xorta ma gewx approvati stante li riedu jaraw l-affarijiet taghhom. Il-konvenut kien jitlob li jsiru *board meetings* pero' l-atturi kienu isostnu li qabel ma jigu irrangati l-affarijiet ma kienux ser jattendu *board meetings*.

Illi sostniet li kienu kellmu lill-awditur Albert Vella li kien tahom spjegazzjonijiet, pero' xorta l-atturi ma kienux sodisfatti. Kien sar suggeriment ta' *refurbishment,* li ma giex attwat ghaliex l-attrici insistiet fuq *feasability study,* ghalkemm kienu kellmu lill Joseph Caruana Curran sabiex jara kif jitmexxew il-*cold stores*, u kien hemm bzonn invetsiment ta' kwart ta' miljun lira li ma sarx stante li s-socjeta' kellha wkoll diversi debiti. Il-*Cold Stores* ghalqu f'Lulju 1996 wara li l-*manager* kien spicca u tahom in-*notice*. Kienu qabdu lill Raphael Alosio sabiex bhala awditur jezamina x'ghamel l-awditur l-iehor.

Illi fl-affidavit tieghu tat-22 ta' Gunju 1996 **Anthony Edward Sant Fournier** sostna li kien ilu direttur tas-socjeta' attrici ghal tlettax-il sena, u f"Marzu 1992 l-konvenut kien talbu sabiex ikun presenti fil-*boardroom* tas-socjeta' B. Tagliaferro & Sons Limited sabiex jigi ffirmat il-kuntratt ma John Bamber, izda peress li ma qabilx mal-kontenut tal-istess kuntratt huwa ghazel li ma jattendiex,

anke ghaliex dehrlu li l-kwsitjoni kollha kienet gestita b'mod illegali u b'detriment ghall-istess socjeta' u l-azzjonisti taghha; illi ghalhekk kiteb lill-konvenut permezz tal-avukat tieghu u qal lill-konvenut sabiex ilaqqa' bord tad-diretturi sabiex tigi diskussa l-kwistjoni pero' l-konvenut ma ghamel xejn minn dan. Fil-fatt mir-ricerki li ghamel irrizulta li d-dar imsemmija fl-istess ftehim ma John Bamber ma kienitx tieghu izda ta' missieru.

Illi **Charles Sant Fournier** direttur tas-socjeta' attrici bl-affidavit tieghu tat-22 ta' Jannar 1996 sostna li kkonferma l-azzjonijiet li ghandha is-socjeta' B. Tagliaferro & Sons Limited fis-socjeta' attrici u li huwa kien ilu direttur tas-socjeta' attrici min 1990. Huwa ikkonferma t-tezi tal-attrici li sar jaf taht l-istess cirkostanzi bhala bil-ftehim ma John Bamber mertu tal-kawza nkwistjoni. Ikkonferma ukoll li l-istess konvenut kien iddeskriva lilu nnifsu bhala Managing Director u hekk kien jipprezenta lilu innfisu fuq il-*letter heads* tas-socjeta' attrici.

Illi sostna li skond l-*Articles of Association* tas-socjeta' attrici l-ebda decizjoni jew risoluzzjoni ma setghet tittiehed jekk ma tkunx iffirmata minn minimu ta' zewg diretturi. Huwa kompla biex ikkonferma dak kollu li qalet Milica Micovic fl-affidavit taghha.

Illi **l-attur** in kontro-ezami fl-14 ta' Jannar 1998 sostna li bhala direttur tal-kumpanija huwa dejjem hassu emarginat u l-konvenut qatt ma issodisfah bl-ispjegazzjonijiet tieghu.

Huwa ghall sentejn qabel il-kawza irrifjuta li jattendi *board meetings*, ghaliex qatt ma inghata id-dokumenti relattivi. Huwa sostna li l-kotba tal-kummerc kienu jinzammu ghand l-*accountant* tas-socjeta' attrici Albert Vella & Co u kien wera preokkupazzjoni dwar t-*theft account*. Ronald Galea kien *General Manager* u kien jiehu l-ordnijiet biss minghand l-konvenut.

Illi in kontro-ezami fit-13 ta' Mejju 1998 sostna li huwa mar ghand l-avukat Dr. Ramon Rossignaud u kien baghat ittri ufficcjali a fol. 7 u 10 tal-process. L-informazzjoni mitluba ma kienitx intalbet f'*board meetings*. Kull meta talbu xi informazzjoni lill-*Accountant* kien dejjem jirreferi ghall-konvenut.

Illi **Ronald Galea** prodott mill-atturi sostna fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2001 li huwa u John Bamber kienu iffirmaw l-iskrittura in kwistjoni, huwa bhala *Manager* u l-iehor bhala *store-keeper*. Illi huwa sostna li saru diversi rapporti minnu lill-Pulizija dwar serq li kien sar fl-istess azjenda u wara diversi inkontri mal-Ispettur Ellul Bonici, fejn ma irrizulta xejn, dan kien issugerixxa li jasal fi ftehim ma John Bamber ghaliex ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex l-istess jigi kkundannat. L-iskrittura saret ghaliex kien hemm ammissjoni u ghalhekk ried li jiehu l-opportunita' u jikteb kollox. Ma jiftakarx jekk kellux l-awtorizzazzjoni tad-diretturi jew le.

Illi kien kitiblu Tony Sant Fournier fit-12 ta' Marzu 1995 (fol.55) u qallu li dik l-iskrittura ma kienx jaqbel maghha. Fil-fatt il-kwistjoni ingabet quddiem Bord tad-Diretturi, u kien hemm argument ghaliex din ma ingabitx bhala *bad debt*, u dan fiz-zmien meta l-partijiet u Charles Sant Fournier kienu diretturi tal-istess socjeta' attrici. Illi bhala *General Manager* kien jirrispondi lill-Bord tad-Diretturi. Id-*draft* tal-ftehim kienet tlestiet min-Nutar, u l-konvenut kellu kopja tal-istess. L-ammont ma giex irkuprat sakemm telaq mill-post fin-1996 u kien hemm diversi kwistjonijiet bejn id-diretturi. Ma baqax jinsisti fuq l-iskrittura peress li skond l-attur b'ittra a fol. 55 tal-process l-istess ftehim kien ikkonsidrat bhala *null and void*, u ghalhekk ma kellux awtorita' mid-diretturi sabiex jesegwixxi l-istess.

Illi in kontro-ezami sostna li kien jiltaqa' l-*Head Office* mad-diretturi kollha u kien jiddiskuti x-xoghol tal-kumpanija, inkluz din l-iskrittura. Huwa kien reponsabbli ghad-*day to day running* tal-kumpanija u kien jirraporta lill-konvenut, pero' kemm il-darba l-attur kien prezenti, u fuq dan il-kaz il-konvenut qatt ma heba xejn, ghalkemm fil-bord kien hemm ghaddej zmien ta' glied bejn id-diretturi.

Illi **l-konvenut** sostna li huwa kellu *share* wiehed fis-socjeta' attrici li kienet ta' B. Tagliaferro & Sons Limited, mentri huwa kellu *shares* fis-socjeta' Five Effs Import and Export Company Limited li kienet bdiet proceduri kriminali kontra John Bamber ghall-misapproprijazzjoni; ma mexiex kontra l-istess persuna ghan-nom tas-socjeta' attrici stante

li d-diretturi l-ohra waqfuh milli jaghmel dan, u saret l-iskrittura ghaliex skond il-Pulizija ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex l-istess bniedem jinstab hati.

Illi huwa qal li bhala direttur minn erba ma setghax jagixxi wahdu ghan-nom tal-istess socjeta', u fil-*board meetings* il-*General Manager* kien jattendi l-istess *meetings*, u huwa kien jimpjega w iddahhal in-nies. Illi min 1990 sal-1993 dejjem tat Lm10,000 profitt lill-*parent company* u Ronald Galea kellu il-fiducja ta' kulhadd, izda gara li dahal dizgwid mad-diretturi l-ohra, bdiet il-pika u l-argumenti, u l-atturi bdew ma jattendux ghall-*meetings*.

Illi dwar is-serq in kwistjoni sar rapport lill-Pulizija li qaltilhom li peress li dan l-i*storekeeper* ma kienx l-unika persuna li kellha ic-cwievet tal-istess stores, ma setghux jindikaw lilu biss, u allura wara li kellmuh xi hames (5) darbiet saret l-iskrittura li giet redatta min-Nutar Patrick Critien; dwar l-art saru ukoll ricerki izda sabu li l-art minnu imsemmija kienet ta' missieru u peress li kienet *green area* dak iz-zmien ma kienitx tiswa iktar minn Lm100, u meta ircieva l-ittra tal-attur huwa ma setghax jimxi izjed stante li skond l-*article 21 tal-Articles of Association* tal-istess socjeta' kull direttur kellu is-setgha jipprocedi gudizzjarjament ghan-nom tal-kumpanija biss wara li jinghata l-kunsens tal-istess bord; minhabba dan l-konvenut gie mkecci minn direttur fin-1993, l-*manager* irrezenja ftit wara, w il-kumpanija inghalqet.

Illi huwa sostna li ser jesebixxi diversi ittri fejn stieden lill-istess atturi ghall *board meetings* izda ma attendewx. Huwa kien informa b'kollox lill-attur, izda dan kien irrifjuta li jiffirma l-istess skrittura.

Illi **John Bamber** xehed fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2001 u sostna li qabel kien tkellem ma Ronald Galea, u dan sar wara li nstabu xi nuqqasijiet. Kien tkellem ukoll mal-konvenut ma jafx jekk hux qabel jew wara li saret l-iskrittura, ghalkemm probabbilment qabel. Huwa kien lest li jaghmel tajjeb ghall-istess nuqqasijiet peress li kien jahdem hemm. Il-pagmenti fl-iskrittura ma sarux ghaliex l-affarijiet sostna li ma kienx hadhom huwa. Kien inqatawlu xi hamsin lira (Lm50) fix-xahar mill-paga ghal xi sena u nofs u wara ma sar xejn izjed; l-attur Anthony Sant Fourniet kien kellmu fuqha fiz-zmien meta kien hemm il-konvenut bhala direttur, u ghalhekk kien jaf biha.

## B. APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi Charles Sant Fournier u Milica Micovic, flimkien ma' Anthony Sant Fournier u l-konvenut kienu diretturi tas-socjeta' attrici, fil-waqt li din il-kumpanija kellha lill-Ronald Galea bhala *General Manager* tal-istess socjeta'.

Illi rrizulta li f'xi zmien fil-bidu tan-1992 gie innutat li kien sar diversi serq ta' oggetti mill-*cold stores* tal-istess socjeta' u sar rapport lill-Pulizija mill-istess *General Manager*, u dawn

informaw lilu u lill-konvenut li ma kien hemm ebda provi li setghu iwasslu ghall-kundanna tal-i*store keepe*r John Bamber, stante li c-cwievet tal-istess *stores* ma kienux dejjem f'idejh, u peress li dan is-serq sar fuq perjodu ta' zmien, ma kienx possibbli li l-istess John Bamber jigi pruvat li kien il-persuna li attwa l-istess serq.

Illi allura wara li l-istess persuna giet avvicinata minn Ronald Galea dwar dan il-kaz, u anke mill-konvenut, saret skrittura fejn l-istess John Bamber accetta ir-responsabilita' ta' tali nuqqas fl-ammonta ta' Lm24,724, u obbliga ruhhu li jhallas l-istess ammonti skond skrittura privata datata 19 ta' Frar 1992 permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm50 il-wiehed, liema skrittura giet iffirmata bejn il-*General Manager* u l-istess John Bamber.

Illi izda fil-fatt ma sar xejn min dan u lanqas il-proprjeta' imsemmiija fl-istess skrittura ma giet ipotekata ghaliex ma kienitx in verita' proprjeta' tal-firmatarju, izda ta' missieru.

Illi s-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kkawzati lis-socjeta' ghaliex l-istess konvenut kien imexxi wahdu l-istess socjeta' u ghazel li Ronald Galea jaghmel l-iskrittura tad-19 ta' Frar 1992 minghajr ma ha l-awtorizzazzjoni tal-istess socjeta' b'risoluzzjoni *ad hoc*, u peress li dan l-ammont ma kienx irkuprat minhabba l-agir irrisponsabbli tal-konvenut, huwa ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni.

Illi hafna mill-allegazzjonijiet tal-istess atturi huma bbazati fuq l-allegazzjoni li l-konvenut ma mexxiex il-kumpanija sew, naqas li jaghti rendikont u dettalji ta' din il-kwistjoni, u li l-bord tad-diretturi qatt ma awtorizzaw lill-*General Manager* jiffirma l-istess skrittura, u dawn kollha jikkulminaw fl-allegazzjoni li l-istess konvenut bhala direttur tal-kumpanija ma mexiex fl-interessi tal-istess socjeta' u wkoll mexxa lill-istess socjeta' b'mod hazin u bi pregudizzju ghall-istess.

Illi huwa ovvju li huwa oneru tal-atturi li jippruvaw kemm dan, u kemm li kien l-agir allegatament irresponsabbli tal-konvenut li wassal sabiex l-istess ammont ta' kreditu favur l-istess socjeta' dovut minn John Bamber ma jingabarx mill-istess socjeta', u ovvjament sabiex tirnexxi din l-azzjoni irid jigi pruvat in-ness ta' kawzalita' bejn l-agir tal-istess konvenut u d-danni allegatament sofferti.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan l-atturi ma rnexxielhomx jaghmluh, stante li fl-ewwel lok huma bhala diretturi stess tal-istess socjeta' ma ghamlu xejn sabiex jippruvaw fl-interess tal-istess socjeta' li jirkupraw l-istess flus, stante li *ex admissis* lanqas biss kienu jattendu *board-meetings* tal-istess socjeta', qatt ma awtorizzaw lill-ebda wiehed minnhom sabiex jibda' proceduri legali kontra l-istess John Bamber, b'dan ghalhekk li istitultifikaw l-operat kollu tal-istess socjeta' stante li bl-attegjament taghhom l-istess socjeta' ma setghetx tiehu dawk id-decizjonijiet vitali sabiex issbi mezz sabiex tipprocedi ghall-gbir tal-istess kreditu

taghha, u lanqas sabiex l-istess socjeta' tkun tista' timxi il-quddiem bir-*restructuring* necessarju ghall-ezistenza taghha.

Illi f'dan il-kuntest ma kien hemm xejn x'izomm lill-istess atturi u lill-Anthony Sant Fournier li jiehdu d-decizjonijiet li huma kienu jhossu li hemm bzonn jittiehdu bhala diretturi, sabiex l-istess socjeta' tkun tista' tiehu l-passi mehtiega ghall-operat tajjeb taghha, inkluz li tibghat ghall-*General Manager* u tiehu anke fil-konfront tieghu d-decizjonijiet relattivi; setghu ukoll baghtu ghall-istess John Bamber, u fil-konfront tieghu jew direttament jew indirettament tramite il-*General Manager* jiehdu d-decizjonijiet kollha relattivi, inkluz jekk ikun hemm bzonn tkeccija, jew modalita' differenti ta' pagament, apparti proceduri gudizzjarji, kontra tieghu jew kontra kull persuna li huma hasbu li setghet kienet involuta fl-istess serq tal-oggeti tal-kumpanija, pero' minn dan huma baqghu ma ghamlu xejn, u llimittaw ruhhom biss sabiex iwaqqfu lill-konvenut minn kull inizjattiva li huwa pprova jiehu kemm fil-konfront tal-istess kaz, u kemm fi progetti, jew pjanijiet ghall-istess socjeta'.

Illi dan baqghu jaghmluh nonostante il-fatt li huma dejjem kellhom access ghall-istess *General Manager* u wkoll ghall-*accountants* tal-istess socjeta' u allura kellhom necessarjament mezz sabiex ikunu korrenti ma dak li kien qed jigri fl-istess socjeta' u wkoll jiehdu d-decizjonijiet li huma jidhrilhom xierqa fl-istess socjeta'. Minn dan ma ghamlu xejn, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, infetah

xenarju ghall-pika w insulti bejn l-istess atturi u l-konvenut fil-konfront ta' xulxin, b'dan li l-prospetti tal-kumpanija, u d-decizjoni fl-interess taghha hadu post sekondarju, tant li ghall-perdjodu bejn Gunju 1991 u Awissu 1993 ma inhadet ebda decizjoni kwalunkwe *at board room level,* ghaliex l-atturi rrifjutaw li jattendu ghall-istess *meetings.*

Illi apparti dan jidher li jekk tali apprezamenti jigu applikati ghall-kaz tal-iskrittura in kwistjoni, jidher car li l-istess atturi ma rnexxielhomx jimmeljoraw is-sitwazzjoni, izda bl-attegjament taghhom l-istess socjeta' marret lura, ghaliex ma setghetx tiehu d-decizjonijiet necessarji sabiex jigu irkuprati l-istess ammonti ta' flus dovuti lilha, u dan apparti li hafna mill-allegazzjonijiet maghmula mill-istess atturi fil-konfront tal-konvenut bl-ebda mod ma gew ippruvati.

Illi fil-fatt l-atturi isostnu li huma ma kienux jafu bl-istess skrittura privata bejn Ronald Galea u John Bamber hlief biss f'Settembru 1993 meta sabu l-iskrittura fil-*files* fil-*boardroom* tal-istess socjeta'. Izda fil-fatt dan huwa kontradett mix-xhieda tad-direttur l-iehor Anthony Sant Fournier li sostna li huwa kien jaf bl-istess skrittura f'Marzu 1992 ghaliex l-konvenut kien gja avvicinah sabiex jiffirma mieghu l-istess kuntratt, izda huwa kien irrifjuta ghaliex ma kienx qabel ma kif jitmexxew l-affarijiet, u fil-fatt kiteb ittra lill-istess konvenut datata 12 ta' Marzu 1992 sabiex jinformah li ma kienx jaqbel mal-istess skrittura tad-19 ta' Frar 1992 u li jikkunsidraha bhala nulla u bla effett, ghaliex il-Bord tad-Diretturi ma kienx approva l-istess skrittura.

Illi minn dan isegwi li l-atturi odjerni kellhom ikunu jafu bl-istess skrittura wkoll f'dak il-perjodu ghaliex ma kien hemm ebda ostakolu sabiex din l-affari tigi diskussa mal-atturi, certament meta din kienet tant affari serja, u ma kien hemm ebda ostakolu sabiex l-affari tigi diskussa bejn l-istess atturi u l-istess direttur, u certament ma kienx il-kaz li l-istess konvenut zamm kollox mistur, izda gharraf mal-ewwel lill-wiehed mid-diretturi, apparti li Ronald Galea isostni li huwa kien informa lid-diretturi kollha bil-kaz, fid-diversi diskussjonijiet li kien ikollu mal-istess diretturi fl-ufficcju tas-socjeta'.

Illi fit-tieni lok l-istess atturi jirrizultaw li kienu infomati b'dak li qed jigri almenu fuq din il-kwstjoni minn Ronald Galea, li kien *manager* tal-istess socjeta' attrici, tant li huwa sostna li mhux l-ewwel darba li kien informa lill-istess atturi dwar dan; fil-fatt ma jidhirx li kien hemm ebda problema bejn l-istess diretturi, atturi fil-kawza odjerna, u l-istess *General Manager* tant li kien nonstante li l-istess skrittura giet iffirmata minnu ghan-nom tal-istess socjeta', ghalkemm l-atturi jidher li ma qablux maghha, qatt ma ittiehdu ebda proceduri kontra tieghu, tant li huwa finalment minn jeddu ghazel li jhalli ix-xoghol mal-istess socjeta' u ma jidhirx li tnehha jew tkecca mill-istess socjeta'.

Illi dan l-agir tal-atturi fil-konfront tal-istess *General Manager* huwa importantissimu ghaliex ma hemm l-ebda dubju li huwa kien il-persuna responsabbli ghall-*day to day*

*running* tal-istess socjeta' u responsabbli lejn il-Bord tad-Diretturi ghall-operat tieghu, u nonostante li kien huwa li iffirma l-istess skrittura, u li kien huwa il-persuna responsabbli ghall-impjegati tal-istess socjeta', u allura John Bamber kien jaqa' wkoll taht ir-responsabilita' tieghu, l-istess atturi lanqas f'mument wiehed ma attakaw l-integrita' tal-istess *Manager,* u minflok dawru l-attenzjoni taghhom dejjem fuq il-konvenut, li fl-operat tal-istess negozju tal-istess socjeta' kien jiddependi ovvjament fuq ix-xoghol tal-istess *general manager,* kif fl-ahhanett kienu jiddependu d-diretturi l-ohra kollha, li maghhom l-istess Ronald Galea, kellu kuntatt dirett, u kien jattendi ukoll il-*board meetings* sabiex jaghti l-ispegazzjonijiet necessarji dwar l-operat ta' l-istess socjeta'.

Illi fl-ahharnett jirrizulta li bejn l-istess diretturi, kemm dak atturi u kemm il-konvenut kien hemm nuqqas serju ta' komunikazzjoni, li kiber b'certu mod u manjiera li l-atturi sahansitra qabel id-data tal-istess skrittura kienu gja qed jirrifjutaw li jattendu *board meetings* tal-istess socjeta', tant li l-atturi jammettu fl-affadivits rispettivi taghhom li ma attendewx board *meetings* b'effett mill-21 ta' Gunju 1991 sad-9 ta' Gunju 1993, u ghalhekk kien impossibbli ghall-konvenut li jaghti spjegazzjoni u jittiehdu decizjonijiet fl-istess bord tad-diretturi, meta l-istess atturi kienu qed jirrifjutaw li jattendu, u r-raguni ghaliex kienu qed jaghmlu dan certament ma kienitx limitata ghal din il-facenda, tenut kont tal-fatt li tali rifjut beda mill-21 ta' Gunju 1991, sahansitra qabel l-iffirmar tal-istess skrittura.

Illi madankollu jidher li l-atturi zammew kuntatt mal-istess *General Manager*, u anke mal-*accountants* tal-istess socjeta', kif jirrizulta wkoll mill-minuti tal-Bord tad-Diretturi datati 9 ta' Gunju 1993 a fol. 138 tal-process, liema persuni kienu dejjem disposti li jaghtu l-informazzjoni rikjesta dwar l-istess andament tal-kumpanija lill-istess atturi, ghalkemm jidher li l-istess atturi ma kienux sodisfatti bl-istess. Setghu jaghmlu hafna affarijiet kieku iddecidew li jattendu l-bord tad-diretturi, u jaghmlu jew jaghtu ir-risoluzzjonijiet necessarji, izda la darba l-atturi baqghu jirrifjutaw li jaghmlu dan, nonostante diversi stediniet biex jattendu, dan anke mill-istess konvenut, kif juru id-dokumenti minnu esebiti a fol. 121 sa fol. 127 tal-process, l-affarijiet tas-socjeta' attrici baqghu imwahhlin.

Illi dan huwa ta' sinfikat serju meta wiehed jikkonsidra li skond l-*Articles of Association* tal-istess socjeta' kif citati mill-atturi l-ebda risoluzzjoni li torbot lis-socjeta' attrici ma setghet tghaddi mis-socjeta' attrici jekk ma tkunx iffirmata minn almenu zewg diretturi w allura kien jidher car li l-konvenut ma setghax jagixxi wahdu ma' terzi izda kellu jkollu bil-fors l-*backing* ta' almenu wiehed mid-diretturi l-ohra, anke biex jorbot lill-istess socjeta. Dan ifisser li l-atturi bl-attitudini taghhom u dik tad-direttur l-iehor Anthony Sant Fournier, li ma jattendux lanqas ghall-*board meetings* kienet qed twaqqaf lis-socjeta' attrici milli tiehu d-decizjonijiet necessarji kollha kemm ghat-thaddim tal-istess socjeta', ghall-futur tal-istess socjeta' u mhux l'inqas fuq din

il-kwistjoni odjerna, ghaliex sahansitra ma setghax lanqas jigi ffirmat kuntratt mal-istess persuna li assumiet r-responsabilita’ tal-hlas tal-istess, u dan huwa iktar serju meta wiehed jikkonsidra li l-ftehim tad-19 ta’ Frar 1992, kien gie kkontestat minn uhud mid-diretturi, w ikkunsidrat minn wiehed minnhom bhala null u bla effett pero’ fl-istess waqt ma sar xejn mill-atturi sabiex dan jigi rimedjat.

Illi f’dan il-kuntest tassumi importanza partikolari l-fatt li skond l-artikolu 21 tal-*Articles of Association* citat mill-konvenut, (u mhux kontestat mill-atturi) jinghad li :-

*“Any Director may represent the Company in judicial proceedings, provided that no proceedings may be instituted by the company without the boards consent”.*

Illi issa la darba l-atturi u lanqas id-direttur l-iehor apparti l-konvenut ma riedu li jattendu ghall-ebda *board meeting*, isegwi li l-konvenut qatt ma kien awtorizzat li jagixxi gudizzjarjament kontra l-istess John Bamber la *ai termini* tal-istess skrittura, u lanqas abbazi ta’ kull azzjoni ohra mhux necessarjament ibbazata fuq l-istess skrittura, b’mod li l-konvenut wahdu ma setgha jaghmel xejn sabiex jirkupra gudizzjarment l-istess ammonti imsemmija fl-istess skrittura.

Illi min-naha l-ohra xejn ma kien qed ifixkel lill-atturi sabiex il-Bord tad-Diretturi jawtorizza lilhom sabiex jiehdu l-passi huma ghan-nom tal-istess socjeta’, kif jidher li ghamlu f’din

il-kawza, ghaliex huma kienu almenu tnejn, u ghalhekk setghu jirraprezentaw lill-istess socjeta' anke fi proceduri gudizzjarji mibdija minnhom, u jekk kien jew ikun hemm xi ostakolu almenu jirregistraw li huma kienu ta' dik l-idea proprju fil-minuti tal-laqghat tal-istess bord tad-diretturi, izda minn dan kollu ma sar xejn.

Illi ghalhekk minn dan kollu jidher li dak li ostakola zgur lill-istess socjeta' attrici milli tirkupra jew tittenta tirkupra l-krediti taghha anke fil-konfront tad-dikjarazzjoni maghmula minn John Bamber fl-istess skrittura privata, kien proprju l-agir tal-istess atturi li rrifjutaw b'kull mod li jippartecipaw fid-decizjonijiet necessarji li l-istess socjeta' kellha tiehu fil-konfront ta' din il-kwistjoni, w ohrajn li dwaru kien jiddependi l-futur tal-istess socjeta', u in-nuqqas taghhom li jattendu ghall-istess bord tad-diretturi, u li jiddiskutu u jiehdu id-decizjonijiet li kien hemm bzonn, fl-ahhar mill-ahhar kienet ir-raguni ewlenija ghaliex is-socjeta' ma rnexxilhiex tirkupra tali kreditu.

Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti li wiehed josserva li kien dejjem l-istess *manager* li kien responsabbli ghat-tmexxija ta' kuljum tal-istess socjeta', u ghalhekk in-nuqqas li kien registrat fl-istess socjeta' kien responsabilita' tieghu, u kellu il-fakolta' anke li jiehu certi decizjonijiet fil-konfront tal-impjegati tieghu, liema decizjonijiet jidher li ma inhadux, u ma kien hemm xejn min-naha tal-atturi, li setgha jzommhom milli fil-fatt jiehdu certu decizjonijiet huma, anke f'*board meeting* jew permezz ta' risoluzzjoni *ad hoc* tal-

istess socjeta' sabiex jittiehdu certi passi, u dan indipendentement mill-kontenut tal-istess skrittura privata, u anke permezz ta' ordni lill-istess *general manager* sabiex jesegwixxi l-istess ordnijiet relattivi, pero' anke f'dan il-kaz l-istess atturi ma ghamlu xejn, hlief li jopponu lill-konvenut.

Illi huwa relevanti wkoll li jinghad li l-atturi bl-ebda mod ma indikaw li l-konvenut innifsu kien responsabbli ghall-istess nuqqasijiet ta' flus fis-socjeta' attrici, b'mod li ma hemm ebda allegazzjoni li l-istess konvenut kien involut fl-imsemmi serq, izda biss li l-konvenut ma mexxiex sewwa l-istess socjeta', haga li fl-opinjoni ta' din il-Qorti lanqas giet ippruvata, u dan peress li jidher li l-konvenut ghamel ir-rapporti necessarji lill-Pulizija, anke tramite l-istess *manager,* u irnexxielu jakkwista dikjarazzjoni ta' responsabilita' minghand John Bamber ghar-rifuzzjoni tal-istess ammonti. Il-fatt li tali ftehim ma giex esegwiet ma kienx dovut ghall-konvenut, izda ghall-atturi, li naqqsu flimkien mad-direttur l-iehor li jaghtu l-istruzzjonijiet u risoluzzjonijiet mehtiega sabiex jitmexxa il-kaz ghall-irkuprar tal-istess ammonti mis-socjeta' attrici.

Illi wiehed jista' jargumenta li l-kontenut tal-istess skrittura setgha kien ahjar ghas-socjeta' attrici, anke dwar il-mod kif kellhom isiru l-istess pagamenti, pero` din hija kwistjoni ta' opinjoni, pero' f'dan il-kuntest wiehed irid izomm dejjem quddiem ghajnejgh li ghalkemm kull direttur ghandu *duty of care and skill* u li jagixxi fl-interess tas-socjeta' innifisa, xorta jibqa' l-fatt li huwa aspett importanti li il-grad ta'

kapacita' tal-istess diretturi f'kull kumpanija ivarja, ghaliex mhux kull direttur ghandu jew huwa mehtieg li jkollu specjalizazzjoni fit-tmexxija tal-istess negozju adoperat mill-istess kumpanija.

Illi fil-fatt gie ritenut f're **"Brazilian Rubber Plantations and Estates Ltd"**(1911.Ch.425) minn Neville J. li :-

*"A director's duty has been laid down as requiring him to act as reasonably to be expected from him, having regard to his knowledge and experience. He is, I think, not bound to bring any special qualifications to his office. He may undertake the management of a rubber compnay in complete ignorance of everything conneceted with rubber, without incurring responsibility for the mistakes which may result from such ignorance".*

*"Such reasonable care must, I think, be measured by the care an ordinary man might be expected to take in the same circumstances on his own behalf. He is clearly I think, not responsible for damages occasioned by errors of judgement".*

Illi l-istess gie ritenut f'**Pennington's Company Law** (pg 778) fejn inghad illi:

*"Director's powers are given to them to be used for the benefit of the company, that is for the benefit of the shareholders of the company as a whole and not for the*

*benefit of the directors themselves, nor for the benefit exclusively of a section of the shareholders or employees of the company ... or of outsiders".*

Illi fil-**Palmer's Company Law** taht il-Kapitolu *Liability of Directors* (pg 581) inghad illi:

*"A director must exercise reasonable care and skill but is not liable for errors of judgement ... A director must be guilty of such negligence as would make him liable in an action. Mere imprudence is not negligence; want of judgement is not. It must be such negligence as would make a man liable in point of law".*

Illi ma dan l-principju gie supplimentat b'dak li jissejjah "*two fold objective/subjective standard'* imsemmi minn Hoffmann J fil-kaz **"Norman vs Theodore Goddard"** (1991. BCLC 1028) fit-trattat **Company Law** ta' **Mayson, French & Ryan** fejn inghad illi:-

*"The degree of care which the director of a company owes a duty to take when carrying the functions of the company is the care that would be taken by a reasonable diligent person having both: (a) the general knowledge, skill and experience that may reasonably be expected to a person carrying out the same functions as are carried out by the director in relation to the company (the objective test), and (b) the general knowledge, skill and experience that that director has (the subjective test)".*

Illi f'dan il-kuntest dan il-principju u standard iziedu t-test oggettiv mat-test suggettiv stabbilit minn Neville J, b'mod li ma huwiex bizzejjed li wiehed jara l-kapacita' tal-persuna li attwalment tokkupa l-istess posizzjoni tad-direttur *ut sic,* izda dan irid jigi ezaminat fil-kuntest tal-kariga li huwa jokkupa, li ma jwassalx necessarjament ghall grad necessarju ta' persuna bi kwalifiki bizzejjed biex tiehu hsieb l-istess kariga u l-funzjonijiet taghha.

Illi tenut kont tal-premess, u jekk wiehed ihares bil-mod kif agixxa l-istess konvenut, bhala direttur, fic-cirkostanzi partiklari tal-kaz, issib li l-istess direttur dejjem agixxa fl-interess tal-istess socjeta', stante li meta gie informat bis-serq li kien qed isir mill-istess azjenda mill-ewwel sejjah l-intervent tal-Pulizija, li wara li ghamlu l-investigazzjonijiet taghhom, informawh, li ma kellhomx provi tangibbli sabiex jipprocedu kontra John Bamber, impjegat tas-socjeta' attrici bhala *storekeeper,* u issugerewlu li jasal b'xi forma ta' ftehim mal-istess individwu; b'dan kollu kien informat il-*general manager* tal-istess socjeta' li kellu laqghat kemm mal-istess impjegat, kif ukoll ma xi whud mid-diretturi tal-istess socjeta' attrici, u tramite dawn l-inkontri saret l-iskrittura tad-19 ta' Frar 1992.

Illi permezz tal-istess skrittura l-istess John Bamber assuma ir-responsabilita' tal-istess nuqqasijiet u obbliga ruhu verso Ronald Galea fil-kwalita' tieghu ta' *manager* tal-istess socjeta' attrici li jirrifondi l-istess ammont permezz ta'

pagamenti mensili ta' mhux anqas minn Lm50 fix-xahar u li tali ammont jithallas kollu sal-31 ta' Marzu 1993, b'dan li l-istess socjeta' irrinunjzat ghal kull azzjoni civili u kriminali fil-konfront tal-istess firmatarju bil-kundizzjoni li tali skrittura tigi onorata; dan apparti li l-istess persuna kellha tipprovdi ipoteka specjali fuq art hemm indikata.

Illi jidher car li minhabba n-nuqqas ta' provi ghad-disposizzjoni tal-istess konvenut, l-interess tieghu kien li jakkwista kemm jista' jkun malajr l-assunzjoni tar-responsabilita' tal-istess John Bamber ghal tali valur nieqes, u l-istess skrittura serviet ghal dan l-iskop; l-atturi ma qablux ma dan, u lanqas dwar il-modalita` ta' pagament tal-istess rifuzzjoni tal-ammonti nieqsa, u jista' jkun li ghandhom ragun, pero' la darba l-istess ammonti ma thallsux, u fi kwalunkwe kaz, l-ammont kollu ma giex imhallas lura sal-31 ta' Dicembru 1993, wara l-istess data kienu dejjem jistghu jagixxu kontra l-istess persuna, anke minghajr l-intervent tal-istess konvenut, u dan apparti li la l-kundizzjonijiet tal-istess skrittura ma gewx osservati mill-istess John Bamber dejjem kienu liberi li jagixxu wkoll mod iehor, izda minn dan l-atturi mhux biss ma ghamlu xejn, izda lanqas taw l-awtorizzazzjoni lill-konvenut, jew lill-wiehed minnhom li jagixxi ghan-nom tal-istess socjeta' sabiex jigu irkuprati l-istess ammonti.

Illi ma dan wiehed irid jikkonsidra l-fatt li direttur minnhom, Anthony Sant Fournier zgur kien jaf bl-istess skrittura f'Marzu 1992, u dan ikkontenda li tali skrittura kienet nulla u

bla effett ghaliex ma gietx awtorizzata mill-Bord, pero' xorta ma ghamel xejn fir-rigward tal-istess impjegat, kif baqghu ma ghamlu xejn id-diretturi l-ohra, anke jekk tigi accettata l-versjoni taghhom li saru jafu biss bl-iskrittura f'Settembru 1993, tant li hadd mid-diretturi, u in konformita' mar-regoli tal-istess socjeta', ma awtorizzax lill-wiehed minnhom, jew lill-terza persuna bhal per ezempju il-*general manager* sabiex jagixxi ghar-rifuzzjoni tal-istess ammont, u fl-ambitu tal-istess certament li l-iskrittura indkata kienet tghin, ghaliex l-assunzjoni tar-responsabilita' da parte tal-istess *storekeeper* ma saritx ghal xejn.

Illi jigi rilevat ukoll li l-istess kumpanija kellha ovvjament l-impjegati taghha soggetti ghall-*general manager* li kellu il-fiducja tad-diretturi kollha u ghalhekk l-konvenut lanqas jista' jinsab responsabbli ghal tali nuqqasijiet li graw fl-istess socjeta', ghaliex huwa bhala direttur, kellu l-istess responsabbilitajiet lejn is-socjeta' bhal ma kellhom l-istess diretturi l-ohra, u il-fatt li jidher li l-istess konvenut agixxa bhala *managing director,* ma jfissirx li huwa kellu iktar jew izjed responsabbilitajiet milli kellhom id-diretturi l-ohra, ghaliex huwa l-istatut tal-istess socjeta' permezz tal-*Articles of Association* u il-*Memorandum of Articles* li jiddetermina l-poteri tal-istess funzjonarji, suplimentati mir-regoli tal-ligi.

Illi dwar l-interpellazzjonijiet li saru fl-istess ittri ufficcjali tal-atturi tas-27 ta' Ottubru 1993 u 10 ta' Marzu 1994, wiehed jinnota li l-ahhar wahda hija diretta ukoll lejn id-direttur l-iehor Anthony Sant Fournier, u it-tnejn li huma huma diretti

ukoll kontra l-konvenut u *l-general manager,* mentri din il-kawza saret biss kontra l-konvenut., jidher li l-konvenut dejjem irreferihom sabiex jaraw id-dokumenti kollha li kienu f'idejn l-*accountants* tal-istess socjeta' apparti l-fatt li l-istess atturi dejjem kellhom access ghall-istess *general manager*, kif huma stess jammetu, apparti l-kotba tal-istess socjeta'.

Illi dwar il-kontenut tal-istess ittra l-istess atturi jirreferu ghall obbligu ta' direttur lejn l-istess azzjonisti tal-istess socjeta', pero' huwa kuncett stabbilit li l-obbligi tad-diretturi ghandhom ikunu rivolti lejn l-interess massimu tas-socjeta' innfisha u mhux lejn il-membri tal-istess socjeta' tant li hija l-kumpanija stess li ghandha dritt tinforza l-istess obbligi, b'dan li l-istess diretturi ghandhom dejjem jagixxu fl-interess tal-istess socjeta', *in bona fede*, u skond ir-regolamenti tal-istess socjeta', u fil-kuntest tal-provi prodotti ma jirrizultax li l-istess konvenut agixxa b'mod aljen ghall-istess principji, anzi kien dejjem animat bl-interess tal-istess socjeta', u ghalkemm forsi d-decizjonijiet li ha ma kienux l-ahjar fic-cirkostanzi, ma jistax jinghad li b'daqshekk huwa kien negligenti, tenut kont tal-fatt ta' nuqqas ta' kooperazzjoni li sab f'dan il-mument mill-atturi u mid-direttur l-iehor, liema attegjament ma kienx, din il-Qorti thoss, fl-interess massimu tal-istess socjeta'. Dan apparti li l-kawza odjerna saret mill-atturi fl-interess tal-istess socjeta' u mhux tal-membri taghha.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-konvenut ma ghandux jinzamm responsabbli ghal kwalunwke dannu allegat mis-socjeta' attrici, stante li ma jirrizultax li l-konvenut bl-agir tieghu kien negligenti lejn l-interessi tal-istess socjeta' attrici, anzi dejjem agixxa *in bona fede* u fl-interess tal-istess socjeta' attrici, u ma kienx bl-ebda mod negligenti lejn l-istess, b'dan li ma hemm l-ebda ness ta' kaswalita' bejn id-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici u l-agir tal-istess konvenut u ghalhekk ma hemm ebda ksur ta' obbligi lejn l-istess socjeta' kif hemm provdut fl-**artikolu 147 tal-Att XXV tal-1995.**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni, jidher li meta giet istitwita l-azzjoni l-atturi ma kienux gew awtorizzati sabiex jagixxu ghan-nom tal-istess socjeta' pero' fil-mori tal-kawza dan gie ratifikat permezz ta' risoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-26 ta' Jannar 1996 a fol. 65 tal-process u ghalhekk din l-eccezzjoni ghanda tigi michuda, b'dan pero' li abbazi ta' dak fuq premess, it-talbiet attrici xorta ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-konvenut, bhala li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' it-tieni eccezzjoni tieghu, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi nomine.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Novembru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Novembru 2001**